MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1014/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Annaliza Bone (ID. 544785M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija, tlieta u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€453.10) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta' attrici rigwardanti servizzi rezi lilha fuq kuntratt bin-numru 1027120 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' erba mija, tlieta u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€453.10), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------